CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS- SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 53

L- Erbgħa, 14 ta' Ġunju 2017

Il-Kunsilli Lokali Mdina ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misrah il-Kunsill, Mdina fi 3pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Alfred Barbaro Sant - Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa.

**53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

53.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara ittra ta' apoloġija ta' Alfred Barbaro Sant u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

53.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Tnejn u Ħamsin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

53.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**53.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

53.3.1 Il-Sindku ressaq talba- Sur Clifford Galea Vella li ġie maħtur biex jkun il-Kuratur tal-Casino Notabile fejn qed jitlob li issir ftiehem u l-inkarigu ta' kuratur jingħatalu għal sena.

52.3.1.1 Il-Kunsill filwaqt li qabel li dan il-ftehim issir, huwa talab lis Segretarju Ezekuttiv jizgura li f'dan il-ftehim jidħlu klawsoli li juru l-interessi tal-Kunsill f'kull waqt.

53.3.2 Is- Sindku talab lis- Segretarju Ezekuttiv biex ikellem lil Ms Roberta Apap fi ħdan il-Ministeru ta' L-Ambjent biex naraw il-possibilitajiet li jsir embellishment ta' l-area fejn hemm il-playing field u jiġi inkluz miegħu l-immodernizzar tal-bandli b'apparat ġdid li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurta' tat-tfal.

53.3.3 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li s-sistema tas- CCTV ġewwa l-Mdina mhux qed jaħdmu u talab li ssir laqgħa b'urġenza mal-G4s u LESA biex tissolva kemm jista' jkun malajr.

53.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill fejn jidher li dan is-sajf mhux ser isir is-soltu ħasil tat-toroq ta' l-Mdina mil-Cleansing Department u għalhekk talab li tinħareġ kwotazzjoni ta' ħasil tat-toroq għat-tlett xhur tas- sajf. Il-Kunsill approva.

53.3.5 Il-Sindku infurma lill-Kunsill li delegazzjoni ta' Dongcheng miċ-Ċina ser izzur il-pajjiz bejn it-12 u l-15 ta' Lulju 2017 fejn fosthom ser tkun mistennija zzur l-Mdina u jkollha taħdidiet mal-Kunsill rigward il-possibilita li jiġi ffirmat Memorandum of Understanding bejn iz-zewġ lokalitajiet.Rapport fuq din il-mara ġiet approvata.

53.3.6 Is- Sindku talab li ssir laqgħa mas- Supretendent tal-Pulizija rigward il-Festa tal-Karmnu.

.

**53.4 Tender MLC 01/2017**

53.4.1 Is- Segretarju Ezekuttiv infurma lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 12 ta' Mejju 2017 li is-sejħa għall-offerti għal gbir tal-borza s-sewda u skart organiku ngħalqet llum fejn daħlu erba' offerti u f'dan ir-rigward talab li għandu jinħatar bord ta' evalwazzjoni.

53.4.1.1 Dan il-Bord ser jkun ffurmat mis- Sinjuri Peter Sant Manduca, Joseph Debono, Mark Mallia u s- Sinjura Mary Ann Sultana.

**53.5 Tweġiba tal-Kunsill għal Management Letter 2016**

53.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta lill-Kunsill kopja tal-Management Letter ta' l-Udituri. (Meħmuz) kif ukoll draft ghar-risposta tal- Management Letter.

53.5.2 Wara diskussjoni qasira s-Sindku PSM ippropona li din tigi mwiegba skond ir-risposta proposta. (meħmuz). Il-Kunsill qabel unanimament

**53.6 Tweġibiet għall- Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

53.6.1 Ma kien hemm ebda mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**53.7 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

53.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib iddata tal-14 ta' Ġunju 2017 (meħmuża) li tammonta għas-somma ta' € 22,810.09

53.7.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill- Kunsilliera Maryann Sultana li kien issekondat mill- Kunsilliera Camille Scerri. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l- ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miz- żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**53.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

53.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għal 12 ta' Lulju 2017 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data: 12-07-2017_______